MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-1 ta' Jannar, 1900

Citazzjoni Numru. 2093/1998/1

**Ray Camilleri Marble Works Limited**
**vs**
**Joseph Micallef u Mario Micallef ta' J&M. Micallef Auto Dealers u b'digriet tat-12 ta' April, 1999 gew kjamati in kawza Mario Saliba u Mario Pace**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ippremettiet illi:

Peress illi s-socjeta' attrici hija kreditrici fis-somma ta' elf seba' mija u tnejn u hamsin lira u hames centezmi (Lm1,752.05) bilanc ta' somma akbar prezz ta' granit lilhom mibjugh kkonsenjat mis-socjeta' attrici.

Peress illi l-konvenuti nonostante l-fatt li gew diversi drabi nterpellati jhallsu naqsu.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti il-ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, u dispensat is-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili (Kap.12) u in vista ta' l-Affidavit ta' Raymond Camilleri (Dok A) m'ghandux minn din il-Qorti:

1. Jigu solidalment ikkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf seba' mija u tnejn u hamsin lira u hames centezmi (Lm1,752.05) fuq imsemmija.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra bonarja tas-16 ta' Settembru 1998 u bl-imghax legali mill-1 ta' Jannar 1998 kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol.3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Micallef** a fol.10 tal-process fejn ecepew:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. illi l-ftehim li ntlahaq bejn il-partijiet kien li wara li jigi mwahhal il-granit kollu, kellhom jittiehdu l-qisien u fuqu jinhadem l-ammont tax-xoghol fuq prezz miftiehem bil-metru minn qabel bejn l-istess partijiet;

2. illi mill-ezercizzju miftiehem bejn l-istess partijiet jirrizulta manifestament li t-talba tas-socjeta' attrici hija wahda esagerata.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti soffra danni b'rizultat dirett tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' mija u tnejn u tmenin lira Maltin (Lm182) konsistenti fi hlas li sar lill-marmista ghax-xoghol li kien ghamel qabel ma' rega' nqala' l-granit propju fuq direttiva tas-socjeta' attrici kif ser ikun spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi, ghalhekk, fi kwalsiasi kaz, dan l-ammont ghandu jigi

mnaqqas minn kull ammont li jista’ jirrizulta dovut lis-socjeta’ attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kemm –il darba jkun il-kaz.

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Mario Saliba** a fol.26 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi l-esponent jitlob, in linea preliminari, illi jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju f’din l-istanza, billi huwa qatt ma kien involut fix-xiri tal-granit mertu tal-proceduri odjerni minghand is-socjeta’ attrici u ghaldaqstant ma’ jista’ qatt jitqies bhala l-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici, bil-mod kif premessi;

2. Illi, subordinatament izda minghajr preguduzzju ghall-eccezzjoni preliminari fuq sollevata, it-talbiet attrici huma, in kwantu huma diretti kontra l-esponent, infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta’ attrici billi l-esponent ma hu bl-ebda mod responsabbli ghall-kreditu pretiz mis-socjeta’ attrici;

3. Salv eccezzjonijiet ohra

**Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Mario Pace** a fol 57 fejn eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent qatt ma kien involut fil-ftehim bejn is-socjeta’ attrici u l-kjamat fil-kawza l-iehor Mario Saliba;

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent kien biss impjegat ma’ Mario Saliba;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas suespost, l-ammont ta’ irham mibghut huwa ferm inqas minn dak allegat u ghalhekk l-ammont pretiz huwa ferm inqas;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digriet a fol 15;

Rat id-decizjoni preliminari a fol 41;

Rat il-kapitolu a fol 124 u 132;

Rat in-noti tal-partijiet;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONTESTAZZJONI**

Illi l-atturi qed jitolbu s-somma ta' Lm1,752.05 bilanc ta' somma akbar prezz ta' granit mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti. Il-konvenuti qed jeccepixxu li s-somma mitluba hija wahda esagerata u li l-ftehim kien li wara li jitwahhal il-granit kollu, kellhom jittiehdu il-qisien u fuqu jinhadem l-ammont tax-xoghol fuq prezz miftiehem minn qabel bejn il-partijiet. Gie kjamat fil-kawza l-persuna li kien pogga l-irham Mario Saliba u l-lavrant tieghu Mario Pace. Dawn ecceppew li m'ghandhom ebda relazzjoni guridika ma' l-atturi u li ma xtraw ebda irham minghand l-atturi.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Skond l-atturi il-ftehim mal-konvenuti kien fis-sens li l-konvenuti Micallef, li kienu ser jaghmlu l-faccata tax-*showroom* taghhom bl-irham, kellhom ihallsu ghal granit billi jitrasferixxu favur tas-socjeta' attrici karozza Volkswagon Golf bil-valur ta' Lm5,000 u jhallsu l-bilanc bi flus kontanti. Il-konvenuti kellhom iqabbdu huma l-*layers* tal-granit a spejjez taghhom, u fil-fatt kienu qabdu lill kjamati fil-kawza Mario Saliba u Mario Pace.

Il-konvenuti qed jirritjenu li l-ftehim ma kienx kif qed jghidu l-atturi imma li wara li jitwahhal il-granit kollu, kellu jittiehed il-qies fuqu u jinhadem il-prezz. Meta mbaghad xehed Joseph Micallef fil-Qorti hu esebixxa l-ftehim a fol 163 li

jghid li  l-atturi u Micallef kienu ftehemu li Joe u Mario Micallef  kienu qeghdin ibieghu Volkswagon Golf bil prezz ta' Lm5,000  u sejrin jiehdu faccata ta' irham li trid issir fis-showroom taghhom stess u l-kumplament li jkun fadal jithallas bis Lm60 fix-xahar  u l-interessi ta' 8%.

Il-konvenut Joseph Micallef spjega li Camilleri kien qalilhom li x-xoghol ta' irham kien ser jigi anqas minn Lm5,000 u ghalhekk ftehemu li Camilleri jiehu l-vettura b'valur ta' Lm5,000 u minn dawn il Lm5,000 jinqata l-valur tal-irham u l-kumplament tal-valur tal-karozza jithallas bis Lm60 fix-xahar bir-rata ta' 8%. Skond il-konvenut Micallef dan kien is-sens tal-ftehim Dok A fol 163.  Micallef xehed li huma kienu ftehemu fuq irham ahdar imma meta beda jitpogga fuq il-post huma sabu li dan kellu difetti ghalhekk, wara li saret laqgha ma Camilleri, gie miftiehem li jinbidel l-irham u anke il-prezz.

L-atturi f'certu sens jaqblu li setgha kien dan il-ftehim, tant li meta l-attur gie kontroezaminat hu spjega li ghalkemm il-ftehim seta kien hekk fil-fatt l-konvenuti hadu b'aktar minn hamest elef lira valur ta' irham u ghalhekk ghad ghandhom jaghtu. Il-konvenuti jikkontendu pero' li huma ma hadux l-ammont li qed jippretendu l-atturi billi huma ma kellhomx bzonn ta' dak l-ammont kollu u fil-fatt qed jghidu  li l-attur qed jippretendi minghandhom ta' 30 metru zejjed.

L-atturi jsostnu li kull bicca granit li huma fornew lill konvenuti hija *accounted for* billi hemm *invoices* li jikkonfermaw d-*delivery*. Li gara kien li l-konvenuti kienu qabbdu a spejjez taghhom lill-kjamat fil-kawza Mario Saliba biex ipoggu l-granit fis-*showroom* taghhom.  Dan Mario Saliba imbaghad kien lill Mario Pace biex jghinu. Jirrizulta mill-provi u dokumenti ezibiti (ara *invoices*) li l-irham kien jingabar mill-*layers* imqabbdin mill-konvenuti, fuq qisien li kien johrog Mario Saliba u li kienu jingabru minn Mario Pace. Il-konvenut Micallef ikkonferma li l-irham beda jingieb fuq il-post xi drabi minn Ray Camilleri Marble Works Ltd, daqqa minn Mario Saliba u daqqa mill-lavrant tieghu Mario Pace.

L-attur xehed li hu ma kienx jirilaxxja l-irham jekk min jirtirah ma jiffirmalux. Min kien jigbor ix-xoghol kien jiffirma l-*invoice* relattiva. L-atturi pprezentaw prospett a fol 52/53 li juri n-numru ta' l-*invoice* , l-ammont u l-isem tal-persuna li ffirmat l-*invoice* u l-karta tal-kejl ordnat (il-kejl kien jipprovvdih Mario Saliba). Hemm 7 *invoices* li huma ifirmati mill-konvenuti Micallef u 6 *invoices* iffirmati mill-kjamat fil-kawza Mario Saliba u 5 minn Mario Pace (fol 60-84). L-*invoices* u l-*credit note* huma kollha ffirmati minn xi wiehed mill-*layers* Saliba u Pace. B'kollox il-konvenuti, direttament jew tramite il-haddiema li qabbdu, hadu hdax l-*invoice* b'total ta' Lm7,007..51. Hemm *credit note* ta' Lm255.46 u l-bilanc hu ta' Lm6,752.05. Minn dana l-ammont l-atturi naqqsu Lm5,000 il-valur tal-karozza Volkswagon u qed jitolbu l-ammont li hemm fic-citazzjoni.

Il-konvenuti qed jikkontendu li dan l-ammont mitlub mhux dovut billi huwa esagerat, kien hemm difetti fl-irham u li huma mhux dejjem inghataw *vouchers/credit notes*.

Dwar il-*credit notes* l-attur xehed li hemm *credit note* ta' Lm255.46 (fol 85) li hija ffirmata minn Mario Pace. Dan Mario Pace ikkonferma li kien hemm dina l-*credit note*. Hu xehed li gieli kien ikollhom xi xoghol difettuz izda dan ma kienx jigri spiss. Meta kienu jsibu xi irham difettuz kienu jwarrbuh fil-genb u meta jigbru xi ftit mhux hazin kienu jirritornaw dan ix-xoghol lura ghand Camilleri. Il-prassi kienet illi ghax xoghol difettuz Camilleri kien jaghtihom '*credit note'*. L-attur jikkonferma li kull xoghol li gie lura kien jinghata *credit note* ghaliha fil-presenza tal-*layer*. Ta' xi materjal iehor li gie lura, erba faxxi, metru l-izjed, ma kienx inhareg *credit note* ghax kienu gew ftit. Il-valur kien circa Lm50.

Dwar il-kontestazzjoni tal-konvenuti li l-ammont mitlub huwa esagerat l-attur xehed li hu kien jikkontrolla kemm kien qed johrog irham ghas-*showroom* billi min kien jiehu l-irham kien jiffirma ghaliha. Dan ikkonfermah Micallef li xehed li kienu gew fi stat li kellhom jiffirmaw bilfors, billi jekk ma jaghmlux hekk Camilleri ma kienx ser jibqa' jaghtihom irham u jieqaf ix-xoghol. B'dan il-mod l-attur kien jaf kemm qed jiehdu rham il-konvenuti.

Mario Pace spjega li Saliba kien jibghatu jgib l-irham minghand Camilleri ghax Saliba kellu xi jghid ma Camilleri. L-irham li kien igib u li kien jiffirma ghalih, kien biex jitpogga fis-*showroom* tal-konvenuti Micallef. Meta kien jirritorna bl-irham is-*showroom*, dejjem kien ikun hemm Mario Saliba u dan kien ikun akkumpanjat minn Joseph jew Mario Micallef. Xi hadd minnhom kien ikun hemm zgur. Illi l-*invoices* ghax-xoghol li kien jigbor minghand Camilleri kienu jkunu bi tlett kopji, wahda ghall Camilleri wahda ghall Saliba u l-ohra ghall Micallef (ara Fol 139.)

Izda Mario Pace kompla jixhed ukoll li "dwar l-irham illi jiena kont ingib minghand Camilleri dan kien jintuza ghal-kisi tax-*showroom*, izda ghandi nghid illi gieli ndunajt li minn vjagg ghall-iehor kont qed innizzel xi xoghol doppju. Meta nghid xoghol doppju nfisser xoghol illi kien ser jintuza ghall-istess post fejn konna diga wahhalna irham iehor. Kont aktar minn darba gbidt l-attenzjoni ta' dan lil Mario Saliba izda huwa kien jghidli dejjem sabiex ma nindahalx (Fol 139). Nitfakar illi jien kont ingib aktar irham milli effettivament kien jigi imwahhal. Kien fil-fatt ikun ghad hemm hafna irham zejjed li ma jitwahhalx izda dwar dan l-irham zejjed ma nafx x'kien isir minnu wara li kont nitlaq mix-xoghol (ara Fol 140).

Waqt li Pace qed jghid huma kienu qed jiehdu irham zejjed, minn naha l-ohra Saliba xehed li l-attur tahom xi 30/35 metru nieqsa. Saliba xehed li wara li kien gara *accident* fuq is-*showroom*, u hu rega mar jahdem sab li kien hemm xi irham nieqes f'ammont sostanzjali u kien infurma lill Micallef u dawn ordnaw l-irham li kellu bzonn minghand haddiehor.

Dwar dana n-nuqqas ta' irham il-konvenuti u l-kjamati fil-kawza qed iwahhlu f'xulxin. Saliba jghid li Micallef kienu jiffirmaw meta jircievu l-materjal u kienu jiccekkjawh (fol 133) u li l-irham kien jittiehed is-showroom u jibqa' kustodit fil-garage ta' Micallef li jinsab taht ix-*showroom* (fol 145). Minn naha l-ohra Micallef iwahhlu f'Saliba u jghidu li dak li gara kien minhabba li kien hemm kwistjoni

bejn Camilleri u Saliba u dan ried ipattilu. Inoltre huma xehdu li Mario Saliba kellu cavetta tal-garage u setgha jidhol hemm meta irid.

Apparti dawn il-kwistjonijiet fejn il-konvenuti u l-kjamati fil-kawza qed iwahhlu f'xulxin jirrizulta mill-provi prodotti li l-kreditu pretiz mill-atturi huwa dovut mill-konvenuti Micallef ma min kien sar il-ftehim originali. Ir-relazzjoni ta' atturi kienet dejjem mal-konvenuti u t-talba ghal kjamat in kawza b'ebda mod ma setghet tfisser illi b'daqshekk il-konvenuti kienu se jehilsu a bazi taghha mir-responsabilita' kuntrattawali taghhom kif stabbilita mill-kuntratt ta' appalt (App Kum 15/3/91 Acc General vs G. Xuereb noe).

L-attur esebixxa *invoices* dwar l-irham li huwa kkonsenja lill konvenuti li kien ingabar u li ffirmaw ghalih l-haddiema imqabbda mill-istess konvenuti. Jirrizulta li kwantita ta' irham ittiehed mill-istess konvenuti Micallef, u meta l-irham kien jingabar minn Pace jew l-attur jehodulhom fuq il-post il-konvenuti kienu jigu nfurmati u jiccekkjawhom u jistorjaw l-irham fil-garage taghhom. La l-konvenuti u lanqas il-kjamati fil-kawza ma kkontestaw li huma hadu l-ammont ta' irham indikat fil-*invoices*. Kif kienu qed jagixxu l-kjamati fil-kawza, ma jinteressax lill-atturi, dment li dawn kienu qed jagixxu fuq struzzjonijiet tal-konvenuti biex jirtiraw x-xoghol ghax showroom taghhom. L-atturi lanqas ma jidhlu fil-kwistjoni jekk gie nieqes xi irham ghand il-konvenuti wara li dana gie konsenjat minnhom.

B'riferenza ghal tielet eccezzjoni tal-konvenuti Micallef, ma ngabet ebda prova li huma sofrew Lm182 ghal hlas lill marmista ghax xoghol li dan kellu jaghmel meta rega nqala l-granit.

Finalment il-Qorti tiddeciedi li mill-ammont mitlub fic-citazzjoni ghandu jitnaqqas l-ammont ta' Lm50 li ma kienx tnaqqas mill-atturi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa’ it-talba attrici
U tikkundanna lill konvenuti Micallef solidalment ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf seba’ mija u zewg liri u hames centezmi (Lm1,702.05);
B’riserva ta’ kull azzjoni spettanti lill-konvenuti kontra l-kjamati fil-kawza;
Tillibera lill-kjamati fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju;
Bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni;
Bl-ispejjez kwantu ghal ta’ l-atturi ghall-konvenuti Micallef; u tal-kjamati fil-kawza ghall istess kjamati fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------